



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.2.2007
KUMM(2007) 42 finali

2007/0015 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta'eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. KUNTEST

1. Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000¹, il-Komunitajiet Ewropej taw aċċess eċċezzjonali u mingħajr limitu għall-eżenzjoni mid-dazju doganali għas-suq ta' l-UE għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw mill-pajjiżi jew territorji li bbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
2. L-għan ewlieni ta' dawn il-miżuri huwa li terġa' tingħata haġja lill-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent permezz ta' aċċess privileġġat għas-suq ta' l-UE. B'riżultat ta' dan, żvilupp ekonomiku għandu jrawwem stabbiltà politika fir-reġjun kollu.
3. B'konformità mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, l-għoti ta' dawn il-preferenzi kummerċjali eċċezzjonali huwa suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri r-rispett mill-pajjiżi u t-territorji benefiċjarji ta' prinċipji fundamentali ta' demokrazija u drittijiet tal-bniedem, ir-rieda tal-pajjiżi kkonċernati biex jiżviluppaw relazzjonijiet ekonomiċi bejniethom u li jinvolvu ruħhom fir-formi ekonomiċi u f'integrazzjoni reġjonali permezz tal-kummerċ. Id-dritt għall-preferenzi kummerċjali eċċezzjonali jiddependi fuq l-involviment tal-benefiċjarji f'kooperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Komunità sabiex jiġi evitat kull riskju ta' frodi. Finalment, dawn il-preferenzi kummerċjali eċċezzjonali setgħu jinżammu biss f'każ li l-benefiċjarji rnexxilhom josservaw is-sitwazzjoni fejn jibblukkaw id-dazji doganali u l-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għall-kummerċ ta' importazzjoni li joriġina mill-UE.
4. Dawn il-preferenzi kummerċjali ngħataw għal perjodu li kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005 u li fl-2005 ġġedded sa l-aħħar ta' l-2010.

II. ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAL DIN IL-PROPOSTA

5. Din il-proposta għandha l-għan li timmodifika s-sistema attwali ta' preferenzi kummerċjali biex titqies il-firma ta' Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Albanija u, sakemm jiġu konklużi l-proċeduri ta' ratifika, id-dħul fis-seħħ ta' Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Albanija.
6. Sakemm il-Ftehim Interim / il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA) jagħti konċessjonijiet ta' kummerċ lill-Albanija fuq l-istess prodotti identifikati fil-preferenzi kummerċjali awtonomi, dawn għandhom jiġu rrevokati mir-Regolament (KE) Nru 2007/2000. Dawn jikkonċernaw il-kwoti tariffarji preferenzjali għal ċerti nbejjed, zokkor kif ukoll għal ċerti prodotti tas-sajd. Din il-proposta tirrevoka l-kwota tariffarja preferenzjali fuq iz-zokkor mir-Regolament u timmodifika l-anness I tar-Regolament, billi tnaqqas safejn ikun prattikabbli l-volum tal-kwoti tariffarji

¹ ĠU L 240, 23.9.2000, p.1 Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1946/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 1).

mogħtija lill-Albanija fil-kuntest ta' l-SAA mil-livelli tal-kwota tariffarja globali stipulata fir-Regolament.

7. Wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mar-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja, il-modifika msemmija hawn fuq li tikkonċerna dan il-pajjiż għal konċessjonijiet fuq ċerti prodotti tas-sajd ma sarux b'mod konsistenti biżżejjed. Għalhekk huwa xieraq li titneħħa wkoll ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja mil-lista ta' beneficijarji ta' dawn il-konċessjonijiet skond ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000, u ssegwi l-istess prinċipju spjegat hawn fuq għall-Albanija.

III. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

8. Ir-Regolament ma jġarrabx spejjeż iddebitati lill-baġit tal-KE. L-applikazzjoni tiegħu lanqas ma timplika ebda telf ta' dħul doganali meta mqabbel mal-qagħda attwali.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni²,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea³ jipprevedi aċċess illimitat bla dazju fis-suq Komunitarju għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw fil-pajjiżi u t-territorji li jibbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
- (2) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006. Sakemm titlesta l-proċedura meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, ġie konkluż Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija li jkopri l-kummerċ u dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006⁴.
- (3) Il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet Interim jistabbilixxu reġim kummerċjali kuntrattwali bejn il-Komunità u l-pajjiżi benefiċjarji. Il-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Komunità huma ekwivalenti għall-konċessjonijiet applikabbli fi ħdan il-miżuri awtonomi unilaterali skond ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000.
- (4) Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 biex iqis dawn l-iżviluppi. B'mod partikolari huwa xieraq li r-Repubblika ta' l-Albanija titneħħa mil-lista ta' benefiċjarji tal-konċessjonijiet tariffarji mogħtija għall-istess prodotti

² ĠU C, , p.

³ ĠU L 240, 23.9.2000, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1946/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 1).

⁴ ĠU L 300, 31.10.2006, p.1.

skond ir-reġim kuntrattwali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu aġġustati l-volumi tal-kwota tariffarja globali għal prodotti speċifiċi li ngħataw kwoti tariffarji għalihom skond ir-reġimi kuntrattwali.

- (5) Ir-Repubblika ta' l-Albanija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jibqgħu benefiċjarji tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 safejn dak ir-Regolament jistipula għal konċessjonijiet li jkunu aktar favorevoli mill-konċessjonijiet eżistenti taħt ir-reġimi kuntrattwali.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, prodotti li joriġinaw fil-Bożnja-Ħerzegovina, fil-Montenegro jew fit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, ħlief dawk ta' l-intestaturi Nri 0102, 0201, 0202, 1604, 1701, 1702 u 2204 tan-Nomenklatura Magħquda, għandhom jiġu ammessi għal importazzjoni fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet jew miżuri kwantitattivi b'effett ekwivalenti u b'eċċezzjoni mid-dazji doganali u imposti b'effett ekwivalenti.

2. Prodotti li joriġinaw mill-Albanija, fir-Repubblika tal-Kroazja jew fir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fejn hemm indikat jew għal kwalunkwe miżuri stipulati f'dan ir-Regolament li jkunu aktar favorevoli mill-konċessjonijiet kummerċjali stipulati fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u dawn il-pajjiżi.

3. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi Nri 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw mill-Bożnja-Ħerzegovina, mill-Montenegro **jew** mit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo għandhom jibbenefikaw minn konċessjonijiet stipulati fl-Artikolu 4.

2. L-Artikolu 4, paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

4. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi Nri 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw fil-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro u t-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, għandhom ikunu suġġetti għall-kwoti tariffarji annwali bla dazju li ġejjin:

(a) 12 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġina mill-Bożnja-Ħerzegovina;

(b) 180 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġina mill-Montenegro u t-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo

3. L-Anness I huwa mibdul bit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 jista' jiġi applikat għal oġġetti li dak in-nhar tad-dħul fis-seħħ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu jew fi tranżitu jew fil-Komunità f'ħażna temporanja fl-imħażen tad-dwana jew f'żoni liberi u huma koperti minn provi ta' oriġini Albanija jew oriġini mir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja maħruġ kif suppost qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 2454/1993, Artikoli 98-123. Dawn il-provi jistgħu jiġu aċċettati mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fi żmien erba' xhur mid-data msemmija.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

"ANNEX I

LI JIKKONĊERNA L-KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1)

Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li m'għandhomx aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun iddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn huma indikati l-kodiċi NM ta' qabel, l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Il-Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1571	0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 19 15 0304 19 17 ex 0304 19 19 ex 0304 19 91 0304 29 15 0304 29 17 ex 0304 29 19 ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 0305 49 45 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Trot (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chrysogaster</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatğhat u laħam ieħor tal-ħut; Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	70 tunnellata	Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	Eżenzjoni

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Il-Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1573	0301 93 00 0302 69 11 0303 79 11 ex 0304 19 19 ex 0304 19 91 ex 0304 29 19 ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	120 tunnellata	Il-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	Eżenzjoni
09.1575	ex 0301 99 80 0302 69 61 0303 79 71 ex 0304 19 39 ex 0304 19 99 ex 0304 29 99 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Denċi (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	95 tunnellata	Il-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	Eżenzjoni

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Il-Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1577	ex 0301 99 80 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 19 39 ex 0304 19 99 ex 0304 29 99 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Spnott (<i>Dicentrarchus labrax</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; immixxef; immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	80 tunnellata	Il-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	Eżenzjoni
09.1579	1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50	Sardin preparat jew priservat	70 tunnellata	Il-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	6 %
09.1561	1604 16 00 1604 20 40	Inċova preparata jew priservata	260 tunnellata	Il-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	12.5 %

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Il-Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1515	2204 21 79 ex 2204 21 80 2204 21 84 ex 2204 21 85 2204 29 65 ex 2204 29 75 2204 29 83 ex 2204 29 84	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta' mhux aktar minn 15% mas, ħlief inbid effervexxenti	145 000 hl ²	L-Albanija ⁵ , il-Bożnja-Herzegovina, il-Kroazja ³ , ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja ⁴ , il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo	Eżenzjoni

¹ Volum globali wieħed għal kull kwota tariffarja aċċessibbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji.

² Il-volum ta' din il-kwota tariffarja globali għandha titnaqqas jekk il-volumi tal-kwota tal-kwoti tariffarji individwali applikabbli taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1588 u 09.1548, għal ċerti nbejjed li joriġinaw fil-Kroazja jiżdedu.

³ Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika tal-Kroazja għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Kroazja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1588 u 09.1589.

⁴ Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mar-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1558 u 09.1559.

⁵ Aċċess għall-inbid li joriġina fir-Repubblika ta' l-Albanija għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż ma' l-Albanija. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1512 u 09.1513

"